

# PROGRAMM
## FESTI SOLENNI LI JSIRU FIL-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA

F'GIEH

# SANTA MARIJA
## PATRUNA TAR-RAĦAL

**30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu 1975**

# SINGER

## the practical way to save money




Available at the Singer
Sewing Centres: Valletta;
Sliema; Birkirkara; Hamrun;
Paola; Cospicua; Zejtun and Victoria, Gozo
and from all Dealers.

**SINGER** takes the trouble to save you trouble

# KELMTEJN MILL-KAPPILLAN

Nistħajjilkom tgħidu: min jaf il-Kappillan il-ġdid, li ġej minn parroċċa 'l bogħod minn hawn, kif jaħsibha fuq il-Festi? U se nħallikom bil-kurżità. Minflok, se ngħidilkom kif taħsibha l-Knisja fuq il-Festi.

Il-Knisja fuq l-art tqis il-Festi bħala parti mill-ħajja tagħha, għaliex hi għandha d-dmir li tqim l-ewwelnett lill-Missier, lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu. Imbagħad hija tqim b'imħabba għal kollox speċjali lill-Verġni Mqaddsa Marija, għax hi marbuta b'mod tal-għaġeb mal-opra tas-salvazzjoni tagħna. Il-kobor tagħha ġej mir-rabta tagħha ma' Binha Ġesù, u għalhekk din il-għaqda għandha tidher ċar fiċ-ċelebrazzjonijiet u l-festi li jsiru f'ġieħha.

U minn hawn ġej li l-Knisja tagħti preferenza lill-Festi ta' Ġewwa. Huma l-funzjonijiet li jsiru ġol-Knisja li jridu jħeġġuna biex nikbru fl-imħabba lejn Alla u lejn Ommu u Ommna Marija. Għalhekk naħseb taqblu miegħi li min l-anqas jersaq lejn il-Knisja, min hu mbiegħed mis-Sagramenti u m'għandu l-ebda ħsieb li jirranġa ħajtu, l-anqas għandu dritt jieħu sehem fil-Festa, la ta' ġewwa u anqas ta' barra.

Il-Knisja mhix kontra l-Festi ta' barra, għax aħna bnedmin tad-demm u l-laħam, irridu naraw u nisimgħu biex nitħeġġu. Dak li trid biss hu li dak li hu l-aktar importanti jiġi l-ewwel, u għalhekk il-festa ta' barra m'għandha qatt tfixkel iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

Fl-aħħarnett, il-Knisja trid li fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra (i) dejjem jidher l-ispirtu reliġjuż tal-Festa b'mod li dawn il-Festi ma jkunux biss okkażjoni soċjali għal kollox profana; (ii) billi numru bla qjies ta' bnedmin jonqoshom anki dak li hu meħtieġ għall-ħajja, għandu jkun hemm moderazzjoni fl-ispejjeż li jsiru.

Jalla l-Festa tgħaqqadna iżjed bejnietna u tħallina ftit aħjar milli aħna. Il-Festa t-tajba lil kulħadd!

Dun Anton Vella
KAPPILLAN

# ĦAMSA U GĦOXRIN SENA ILU

Din is-sena jaħbat il-ħamsa u għoxrin anniversarju tad-Domma tal-Assunta. Kien fl-1 ta' Novembru 1950 li l-Papa Piju XII solennement iddefinixxa t-Tlugħ ta' Marija SSma fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Id-dokument tal-Papa jagħti ħarsa lejn il-ġrajja tat-twemmin f'din il-verità matul iż-żminijiet l-imgħoddija sakemm jasal sa żmienna. Hawnhekk issibu biss silta li permezz tagħha l-Papa ddikjara din il-verità bħala Domma tal-Fidi tagħna.

"Wara li tlabna bl-umiltà u ħafna drabi 'l Alla", jgħid il-Papa, "u wara li sejjaħna d-dawl tal-Ispirtu tas-Sewwa, għall-glorja t'Alla li jista' kollox, li xerred l-abbundanza speċjali tiegħu fuq il-Verġni Marija, għall-ġieħ ta' Ibnu, is-Sultan taż-żminijiet li ma jmutx u rebbieħ fuq id-dnub u l-mewt, għall-akbar glorja ta' Ommu, u għall-ferħ u l-hena tal-Knisja kollha, bl-awtorità tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, tal-Appostli Mqaddsa Pietru u Pawlu, u bl-awtorità tagħna nipproklamaw u niddefinixxu bħala Domma rivelata minn Alla li l-Immakulata Omm Alla, Marija dejjem Verġni, meta għalqilha ż-żmien tal-ħajja tagħha fuq l-art, kienet imtellgħa bil-ġisem u bir-ruħ fil-glorja tas-Sema.

"Għaldaqstant, jekk xi ħadd, allaħares qatt, għax irid, jazzarda jiċħad jew iqiegħed fid-dubju dak li ddefinejna, ħa jkun jaf li jkun ċertament abbanduna l-Fidi Divina u Kattolika".

**D.A.V.**

# FESTI TA' BARRA

**Erbgħa 30 ta' Lulju** — Wara l-funzjoni tal-Knisja, issir mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-**King George V Band Club.**

**Ħadd, 3 ta' Awissu** — Fis-7.00 p.m. Hruġ ta' l-istatwa ta' Santa Marija fil-Knisja. Wara, l-**Banda King George V** tagħmel marċijiet brijużi mat-toroq prinċipali kollha tal-Imqabba. Mixgħela tal-Knisja, Pjazza u tal-Każin King George V.

**Erbgħa, 13 ta' Awissu** — Wara l-funzjoni tal-Knisja, l-**Banda King George V** tagħmel marċijiet u ddoqq fil-Pjazza tal-Knisja taħt id-direzzjoni tas-Surmast **Kav. George Martin A. Mus., L.C.M.** Jindaqq ukoll l-**Innu lil Santa Marija Assunta.** Wara, ħruq tal-logħob tan-nar fil-Pjazza tal-Knisja. Mixgħela Ġenerali.

**Ħamis, 14 ta' Awissu — LEJLET IL-FESTA**

Fit-8.30 p.m. — Mixgħela ġenerali tar-raħal. Il-Baned **"Queen Victoria"** taż-Żurrieq u **"San Nikola"** tas-Siġġiewi wara li jferrħu t-toroq ta' l-Imqabba bil-marċijiet, jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja. Fl-10.00 p.m. — Hruq tal-Murtali, Beraq Pront u tal-Kulur.

Fil-11.30 p.m. — Ħruq ta' logħob tan-nar artistiku.

**Ġimgħa, 15 ta' Awissu — JUM IL-FESTA**

Fis-6.00 p.m. — Mixgħela Ġenerali. Il-Baned "Queen Victoria" taż-Żurrieq u "San Nikola" tas-Siġġiewi, jagħmlu marċijiet u jdoqqu programm fil-Pjazza tal-Knisja. Fis-7.30 p.m. — Waqt il-ħruġ tal-Proċessjoni tindaqq **L-AVE MARIS STELLA** bil-kant tal-Kor tax-Xebbiet mir-Raħal. Meta l-proċessjoni tasal ħdejn il-Każin King George V, il-Banda "Queen Victoria" iddoqq **INNU LIL SANTA MARIJA ASSUNTA,** miktub mir-**Rev. Patri G.M. Ghigo S.J.,** u mużikat mis-Surmast **Kav. George Martin A. Mus., L.C.M.** Ikantaw fih it-**Tenur Andrew Sapiano** u l-**Baritonu Joe Fenech** mal-**Kor tax-Xebbiet mir-Raħal.** Waqt il-purċissjoni jsir sparar ta' muskettерija, ħruq ta' Kaxxi Nfernali, Murtaletti, Murtali tal-Kulur u Beraq Pront.

Sett ta' marċi u l-Innu lil S. Marija Assunta għandhom jinstemgħu fuq ir-Rediffusion dak in-nhar tal-Festa fit-3.00 p.m. Iddoqq il-Banda King George V taħt id-direzzjoni tas-Surmast Kav. G. Martin A. Mus., L.C.M.

Il-logħob tan-Nar, il-Kaxxi Nfernali, il-Murtali tal-Kulur u l-Beraq Pront huma kollha xogħol tad-**dilettanti tas-Soċjetà S. Marija.**

# FESTI TA' ĠOL-KNISJA

**Erbgħa, 30 ta' Lulju — FTUĦ TAL-KWINDIĊINA**

Fis-6.45 p.m. — Għasar Solenni, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Fit-8.00 p.m. — Quddiesa ta' Filgħaxija.

**Ħadd, 3 ta' Awissu — HRUĠ TAL-ISTATWA**

Fil-5.30 p.m. — Għasar Solenni.

Fis-6.00 p.m. — Quddiesa ta' Filgħaxija, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Wara jsir **il-ħruġ tal-istatwa ta' Santa Marija** min-niċċa tagħha. Kant tal-**Ave Maris Stella** u Antifona.

**Tnejn, 11 ta' Awissu — L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

Fis-7.00 p.m. — Quddiesa Kantata mill-**W.R. Dun Karm Bianco**, Kappillan ta' S.M. Sliema bl-omelija "Marija hi tassew Omm Alla".

Fit-7.45 p.m. — Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Tlieta, 12 ta' Awissu — IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

Fis-7.00 a.m. — Quddiesa Kantata Solenni.

Fis-7.00 p.m. — Quddiesa Kantata mill-**W.R. Dun Alwiġ Deguara** Arċipriet tas-Siġġiewi bl-omelija fuq "Marija hi tassew Omm il-Knisja".

Fit-7.45 p.m. — Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Erbgħa, 13 ta' Awissu — IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**

Kollox bħall-jum ta' qabel.

Fis-7.00 p.m. — Quddiesa Kantata speċjali għall-Morda. Titqaddes mill-**W.R. Mons. M. Azzopardi** li jagħmel l-Omelija fuq "Marija Saħħa tal-Morda" u fl-istess Quddiesa jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda.

**Ħamis, 14 ta' Awissu — LEJLET IL-FESTA**

Fit-8.00 a.m. — Quddiesa Kantata Solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa, **il-W.R. Dun Anton Vella,** kant tat-"Te Deum", b'ringrazzjament u għeluq tat-Tridu, Innu u Antifona.

Fis-6.30 p.m. — Translazzjoni Solenni tar-Relikwa u Quddiesa Kantata Solenni. Jiffunzjona l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Ġużeppi Mercieca Vigarju Ġenerali. Iqaddes il-**W.R. Dun Joe Bugeja** Kappillan ta' Santa Luċija. Kompieta u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Ġimgħa, 15 ta' Awissu — JUM IL-FESTA**

Fil-5.00 a.m. u fis-6.00 a.m. — Quddiesa

Fis-7.00 a.m. — Quddiesa, speċjalment għat-Tfal.

Fit-8.00 a.m. — Kant Solenni tal-Lawdi.

Fid-8.45 a.m. Kant tat-Terza.

Fid-9.00 a.m. — Konċelebrazzjoni Solenni bil-Paneġirku immexxija mill-**Kappillan il-Gdid tal-Parroċċa, l-W.R. Dun Anton Vella.**

Fl-10.30 a.m., 11.30 a.m. u 12.30 p.m. — Quddiesa.

Fis-6.30 p.m. — Sekondi Vespri Solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa, il-**W.R. Dun Anton Vella.**

Wara, Proċessjoni bl-istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa, immexxija mill-istess Kappillan.

Wara l-proċessjoni Ċelebrazzjoni Ewkaristika u bews tar-Relikwja.

**N.B.** F'lejlet il-Festa jkun hawn **konfessuri barranin għall-Qrar.** Il-mużika tat-Tridu, Lejlet u Nhar il-Festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-**W.R. Patri Salv. Galea O.P. L.R.S.M.**

**Ġimgħa, 22 ta' Awissu — L-OTTAVA TAL-FESTA**

Fil-5.30 p.m. — Għasar Solenni, Repożizzjoni tar-Relikwja, "Te Deum" u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Fis-7.00 p.m. — Quddiesa ta' Filgħaxija.

# RENDIKONT FESTA "SANTA MARIJA" 1974

**Ħruġ:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Orkestra ............................ | £M123. | 50. | 0 |
| Private għall-Orkestra ............ | 12. | 00. | 0 |
| Personal Barrani .................. | 35. | 75. | 0 |
| Xogħol ta' Stampa ................ | 13. | 50. | 0 |
| **Servizz fil-Knisja:** | | | |
| Kwindiċina u Festa ................ | 20. | 00. | 0 |
| Fjuri, Xemgħa u Dawl ............ | 15. | 50. | 0 |
| Organista: Kwindiċina ............ | 15. | 00. | 0 |
| Armar fil-Knisja .................... | 10. | 00. | 0 |
| Daqq ta' Qniepen .................. | 6. | 00. | 0 |
| Xorb ...................................... | 4. | 00. | 0 |
| | £M255. | 25. | 0 |

**Dħul:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ġbir mill-envelopes ............. | £M251. | 00. | 0 |
| Tar-Reklami ......................... | 12. | 50. | 0 |
| Ġbir mix-Xebbiet .................. | 20. | 00 | 0. |
| | £M283. | 50. | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Dħul:** .............................. | £M283. | 50. | 0 |
| **Hruġ:** .............................. | 255. | 25. | 0 |
| **Bilanċ:** .............................. | £M 28. | 25. | 0 |

Nirringrazzja lil kulħadd tal-koperazzjoni tagħkom.

Rev. Jos. Farrugia
Kappillan.

# L-ISTATWA TA' MARIJA MTELLGĦA S-SEMA

Biex infakkru l-25 anniversarju mid-definizzjoni tad-Domma tal-Fidi dwar Marija Mtellgħa s-Sema li saret fl-1 ta' Novembru 1950, din is-sena ser nagħtu tagħrif storiku fuq l-**Istatwa tal-B. V. Marija Assunta** li tinsab fuq il-bini tal-**Każin Re Ġorġ V.**

Kienet ilha x-xewqa tal-mibki mejjet **Lorenzo Ellul** li jagħmel statwa kolossali ta' Santa Marija u jpoġġiha f'post prominenti biex tħares lil uliedha l-Imqabbin. Ma kienx hawn żmien aħjar mill-1950 biex iwettaq din ix-xewqa hekk sublimi tiegħu. Fil-ħsieb oriġinali tiegħu din kellha tkun tal-irħam u titpoġġa fil-pjazza, iżda minħabba d-diffikultajiet kbar li ltaqa' magħhom, dan il-ħsieb falla. Iżda l-ħerqa biex jagħmel l-Istatwa ta' Marija Mtellgħa s-Sema baqgħet dejjem tixgħel ġo fih. Intant għall-aħħar tas-sena 1951 wasal fi ftehim mas-Soċjetà ta' Santa Marija fejn ingħata l-permess biex ipoġġi l-Istatwa fuq il-bejt tal-Każin proprju fuq il- faċċata.

Is-Sur **Marco Montebello** ntagħżel biex jagħmel id-disinn u x-xogħol ta' fuq l-Istatwa. Intlaħaq ftehim malajr, u f'Jannar tas-sena 1952 is-Sur Lorenzo Ellul, mgħejjun mis-soċi tal-Każin Re Ġorġ V, qata' l-ġebla tal-franka, sħiħa u hekk sabiħa, mill-barriera tiegħu stess f'ta' Kandja limiti tal-Imqabba. Minn hawnhekk il-benefattur ħadha, dejjem għas-spejjeż tiegħu, fil-ħanut tas-Sur Montebello ħdejn iċ-ċimiterju tal-Addolorata.

Skond l-istess ftehim ix-xogħol kellu jinbena wara li

ssir l-approvazzjoni mis-Sur Ellul u l-Kumitat tal-mudell tal-Istatwa. L-Istatwa vera kellha tkun magħmulha minn ġebla sħiħa mogħtija mill-istess benefattur, tkun ta' madwar 9 piedi għoli u tkun lesta sa Marzu tas-sena 1952. Il-ftehim kien ikompli jgħid li l-iskultur kellu jirċievi s-somma ta' ħamsin lira sterlina (£50) minn għand id-donatur wara li l-istatwa tittellgħa f'postha taħt id-direzzjoni tal-iskultur Montebello mingħajr ma dan jidħol fl-ispejjeż tat-tlugħ u tat-trasport.

Ix-xogħol mexa mgħaġġel sewwa u nhar il-Ħadd, 22 ta' Ġunju 1952, kienet il-ġurnata li l-Istatwa ta' Santa Marija kellha tittellgħa fuq il-Każin. Din il-ġurnata kienet taħbat ukoll, ġewwa l-Imqabba, il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù. Iżda d-diffikultajiet ma kinux żgħar u wara ħafna pariri, ħsibijiet u diversi suġġerimenti minn persuni tas-sengħa, il-Kumitat inkariga lis-Sur **Eugenio Sciberras** biex jieħu ħsieb l-armar u jtella' l-Istatwa. Dan qatagħha li l-Istatwa għandha tibqa' sħiħa u titla' minn quddiem il-Każin, proċedura li kienet ta' sogru mill-akbar. Wara li twaqqaf l-armar, sar it-tberik tal-Istatwa ta' Marija Mtellgħa s-Sema mill-**Eċċ. Tiegħu Rev.ma Mons. Emm. Galea, Vig. Ġen.** Wara beda l-mument kritiku. Fost taqtigħ il-qalb mill-akbar, iżda wkoll fost ferħ bla qjies, Lorenzo Ellul, il-Kumitat tal-Każn, soċi u partitarji kollha raw lil din l-Istatwa tiela' bil-mod — iżda dejjem 'il fuq — sakemm waslet f'postha. Hawn saru x-xogħlijiet neċessarji biex l-Istatwa tibqa' mwaħħla għal dejjem. B'hekk din l-Istatwa ta' Sidna Marija Mtellgħa s-Sema setgħet tħares lil uliedha devoti.

U biex titfakkar din il-ġrajja hekk sabiħa għalina, twaħħlet irħama fuq il-bieb tal-Każin li taqra hekk:

"Min jgħid Salve Reġina quddiem din ix-Xbieha tal-B.V. MARIJA ASSUNTA jirbaħ 200 Jum Indulġenza. Mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1952 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi".

# INNU LIL MARIJA ASSUNTA

*Esegwit mill-Banda "King George V" ta' l-Imqabba, fl-okkażjoni ta' l-ewwel Festa fuq il-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Assunzjoni mill-Papa Piju XII.*

(rit.) Ħallina ntennulek, Marija
Din l-għanija li ssawret mas-snin,
Irridu ngħallmuha 'l uliedna
Biex biha jsellmulek kull ħin!

Int għextha ġo qalbek
Il-ħajja tal-Fidwa,
U qalbek intgħasret
F'demm Ibnek Mislub,
Għalhekk qomt sabiħa
Mir-raqda tal-qabar,
Rebbieħa bħal Ibnek
Mill-mewt u mid-dnub.

(rit.) Ħallina ntennulek......

Miksija bid-dija
Li żżernaq fil-ġenna,
Imdawra mill-anġli
Għannejja tas-Sliem,
Titwieżen fuq sħaba,
Bħas-silġ bajdanija,
Int tlajt ġewwa d-difa
Tas-sema bla tmiem.

(rit.) Ħallina ntennulek......

Id-dinja bik tifraħ,
Tissieħeb ma' l-anġli,
Biex tqiegħed fuq rasek
Kuruna ta' ġieħ,
U lilek issellem,
Omm Alla, Sultana,
Mogħnija bis-setgħa
Ta' Driegħu rebbieħ.

(rit.) Ħallina ntennulek......

JOSEPH M. GHIGO, S.J.

Nihil Obstat.
Die Aprilis, 1949.
P. Alfonsus M. Camilleri, O.F.M.
Cens. Theol.

Stamperija "Il-Ħajja".